

Brussell, 14 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13082/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0256 (NLE)

POLCOM 316
FDI 40
SERVICES 48
COLAC 106

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 462 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 462 final.

Mehmuż: COM(2026) 462 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2026
COM(2026) 462 final

2026/0256 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni
Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fid-29 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill¹ li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli mal-Ekwador (imsejjaħ "SIFA" jew "il-Ftehim"). Fl-20 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea awtorizza l-ftuħ tan-negozjati u adotta d-direttivi ta' negozjati.² In-negozjati għas-SIFA ġew konklużi fit-23 ta' Jannar 2026.

Dan il-Ftehim għandu l-għan li jtejjeb il-klima tal-investment tal-Ekwador permezz ta' impenji dwar il-faċilitazzjoni tal-investment, bħal aktar trasparenza u prevedibbiltà għall-lijigijiet u r-regolamenti relatati mal-investment, simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-investment, u titjib tad-djalogu pubbliku-privat permezz ta' punti fokali tal-investituri u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati. L-objettiv aħħari huwa li titrawwem klima ta' investment aktar trasparenti, effiċjenti u prevedibbli, u għalhekk li l-Ekwador jiġi appoġġat biex jattira investment barrani dirett filwaqt li jinżammu l-istandards li jikkonċernaw l-ambjent, id-drittijiet tal-ħaddiema, u l-klima. B'dan il-mod, dan il-Ftehim jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku, u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-proposta meħmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali li jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

L-objettivi ta' dan il-Ftehim huma konsistenti mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jipprevedi li l-UE għandha *"tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali."*³

Dan il-Ftehim jibni fuq il-Ftehim Kummerċjali Multipartitiku bejn l-UE u l-pajjiżi Andini, li l-Ekwador huwa Parti għalih. Il-Ftehim Kummerċjali Multipartitiku jinkludi dispożizzjonijiet dwar is-servizzi u l-investment, inklużi impenji dwar l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali għall-investituri tal-UE. Dan il-Ftehim huwa opportunità biex tiġi approfondita r-relazzjoni ta' investment bejn l-UE u l-Ekwador, u biex jagħti appoġġ lill-investituri tal-UE biex jieħdu vantaġġ ulterjuri mill-opportunitajiet maħluqa mill-Ftehim Kummerċjali Multipartitiku billi jittejbu l-qafas regolatorju u l-proċeduri għall-investimenti.

Is-SIFA huwa kompletament konsistenti mal-Ftehim futur dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp li ġie nnegozjat fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.⁴

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-objettivi huma konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, inkluża l-politika tal-iżvilupp tal-UE.

Dan il-Ftehim javvanza l-objettivi tal-Boxxla għall-Kompetittività tad-29 ta' Jannar 2025, li semmiet il-ħtieġa li l-UE *"[tfittex] modi ġodda kif [toħloq] benefiċċji għan-negozji tagħna"*,

¹ Ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Ekwador għal ftehim għall-faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli, COM (2025) 427 final.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2278 tal-20 ta' Ottubru 2025 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Ekwador għal ftehim għall-faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli, ĠU L, 2025/2278, 7.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2278/oj>.

³ L-Artikolu 21(2)(e) TUE.

⁴ https://www.wto.org/english/tratop_e/invfac_public_e/invfac_e.htm

inkluż permezz tas-SIFAs.⁵ Huwa jsegwi wkoll il-Komunikazzjoni dwar ir-rieżami tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2022.⁶

Dan il-Ftehim huwa konformi mal-Komunikazzjoni dwar “Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew”,⁷ li ddikjarat li “[l]-UE se tkompli taħdem mas-sħab tal-ALK biex tgħin fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal investiment sostenibbli, inkluż permezz tal-Global Gateway u l-appoġġ ta’ oqfsa legali miftuħa, stabbli u prevedibbli, it-tneħħija ta’ ostakli diskriminatorji, u l-implimentazzjoni tal-faċilitazzjoni tal-investment.”

Dan il-Ftehim jikkomplementa l-Aġenda ta’ Investment tal-Global Gateway UE-ALK, li permezz tagħha “l-UE tista’ tingrana investimenti ta’ kwalità biex tgħin fl-indirizzar tal-ħtiġijiet infrastrutturali tal-ALK, tappoġġa l-iżvilupp tal-kapital uman, inkluż it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nies, speċjalment in-nisa, iż-żgħażaġh u dawk l-aktar vulnerabbli, u ssaħħaħ in-negozju abilitanti u l-ambjent regolatorju, bl-għan li jinħolqu valur miżjud lokali, tkabbir u impjiegi ta’ kwalità.”⁸

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi legali sostantiva

Is-SIFA taqa’ taħt il-Politika Kummerċjali Komuni, u għalhekk il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 207 TFUE.

• Bażi legali proċedurali

L-Artikolu 218(5) tat-TFUE jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, jiġifieri l-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim.

Il-Kummissjoni tipproponi l-iffirmar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard. Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(5) TFUE.

• Kompetenza tal-Unjoni

Is-SIFA tkopri l-faċilitazzjoni tal-investment dirett barrani. Il-konklużjoni ta’ ftehimiet kummerċjali relatati mal-investment dirett barrani taqa’ taħt il-Politika Kummerċjali Komuni skont l-Artikolu 207 TFUE. Għalhekk il-Ftehim jaqa’ taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 3(1) TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Mhux applikabbli.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final.

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: “Is-setgħa tas-sħubijiet kummerċjali: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust”, COM(2022) 409 final.

⁷ Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew, JOIN(2023) 17 final.

⁸ Ibid.

- **Proporzjonalità**

Dan il-Ftehim huwa konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali hija l-istrument ewlieni biex isir impenn favur drittijiet u obbligi reċiproċi ma' suġġett tad-dritt internazzjonali, bħal pajjiż barrani.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata skont l-Artikolu 218(5) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika fl-2021 bħala parti mill-evalwazzjoni *ex post* tal-Ftehim Kummerċjali Multipartitiku bejn il-Komunità Andina u l-UE, li kien jinkludi l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-investment fil-pajjiżi koperti, inkluż l-Ekwador.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta tiddependi fuq għarfien espert estern miġbur fil-kuntest ta' proġett imwettaq mill-Bank Dinji u kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapport identifika b'mod partikolari li l-investituri⁹ ressqu, bħala fatturi kritiċi li jaffettwaw id-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, in-nuqqas ta' trasparenza u prevedibbiltà meta jkollhom x'jaqsmu mal-aġenziji pubbliċi, il-bidla f'daqqa fil-liġijiet u r-regolamenti, u d-dewmien fil-kisba tal-permessi u l-approvazzjonijiet tal-gvern. Dawn huma l-oqsma koperti mill-Ftehim.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-impenji għall-faċilitazzjoni tal-investment fis-SIFA jiffukaw fuq l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' governanza tajba u prattiki regolatorji tajbin, inklużi t-trasparenza, il-prevedibbiltà, u l-effiċjenza amministrattiva, fil-qafas ta' investment ta' pajjiż sieħeb (liġijiet dwar l-investment, regolamenti u proċeduri). L-impatt ta' dawn il-miżuri ta' faċilitazzjoni tal-investment huwa relatat l-aktar mal-implimentazzjoni tal-Ftehim minn pajjiż sieħeb u t-titjib fit-tul fl-ambjent tal-investment tiegħu. L-impatt ġenerali huwa affettwat ukoll minn investimenti individwali li qafas ta' investment imtejjeb bħal dan jista' jattira. Is-SIFA jikkodifika prattiki li diġà huma stabbiliti sew fl-UE.

Barra minn hekk, l-inizjattiva tibbenefika minn diversi valutazzjonijiet eżistenti mwettqa matul is-snin, inkluża Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà li kopriet il-kummerċ bejn l-UE u l-Komunità Andina (2009), rapport li jivvaluta l-impatt ekonomiku tal-Ftehim

⁹ Ara l-Bank Dinji, *Retention and Expansion of Foreign Direct Investment, Political Risk and Policy Responses*, <http://documents1.worldbank.org/curated/en/387801576142339003/pdf/Political-Risk-and-Policy-Responses.pdf>

Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ekwador (2016), u r-rapport ta' evalwazzjoni ex post tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u l-Komunità Andina (2021).

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta hija dwar l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tas-SIFA mal-Ekwador. Il-proposta ma tinvolvi l-iskambju ta' data, l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi, l-użu ta' sistemi diġitali jew il-forniment ta' servizzi pubbliċi. Konsegwentement, il-prinċipju “diġitali b'mod awtomatiku” ma japplikax, peress li ma jintroduċix rekwiżiti diġitali speċifiċi.

- **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva tirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Dan il-Ftehim ma għandux implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu l-istruttura għall-korpi ta' implimentazzjoni biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt.

Il-kapitolu istituzzjonali tal-Ftehim jistabbilixxi “Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment” li għandu bħala l-kompitu ewlieni tiegħu li jiżgura li l-Ftehim jopera sew u b'mod effettiv. Il-Ftehim jistabbilixxi wkoll Djalogu tas-Soċjetà Ċivili li jsir fuq bażi annwali flimkien mal-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-oġettiv kumplessiv ta' dan il-Ftehim huwa li jiffaċilita l-attrazzjoni u l-espansjoni tal-investment bejn l-UE u l-Ekwador għall-finijiet tad-diversifikazzjoni ekonomika u l-iżvilupp sostenibbli.

Il-Ftehim jinkludi tliet kapitoli sostantivi dwar il-faċilitazzjoni tal-investment:

- It-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-miżuri ta' investment, pereżempju permezz tal-pubblikazzjoni online tal-liġijiet u r-regolamenti dwar l-investment, il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozzi ta' miżuri, kif ukoll il-promozzjoni tal-użu ta' portali uniċi ta' informazzjoni għall-investituri;
- Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inkluż permezz ta' prattiki regolatorji tajbin, rekwiżiti aktar ċari, u t-trawwim tal-gvern elettroniku; u
- Il-punti fokali u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari biex jiġu ffaċilitati l-interazzjonijiet bejn l-investituri, il-partijiet ikkonċernati, u l-amministrazzjoni.

Il-Ftehim isaħħaħ ukoll id-dimensjoni tal-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjoni ta' investiment bejn l-UE u l-Ekwador permezz ta' kapitolu dwar l-investiment u l-iżvilupp sostenibbli. Dan il-kapitolu jinkludi impenji biex ma jiddgħajfux il-liġijiet ambjentali jew tax-xogħol bl-għan li jiġi attirat l-investiment, u biex ma ssirx deroga minn tali liġijiet, kif ukoll impenji biex jiġu implimentati b'mod effettiv il-ftehimiet internazzjonali dwar ix-xogħol u l-ambjent, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi. Il-Ftehim jirrikjedi li l-Partijiet jippromwovu prattiki kummerċjali responsabbli mill-investituri u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali dwar aspetti relatati mal-investiment tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Il-Ftehim jinkludi wkoll kapitolu dwar "l-evitar u s-soluzzjoni tat-tilwim", li jfittex li jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet u soluzzjonijiet maqbula b'mod reċiproku fil-każ ta' tilwim, iżda jinkludi wkoll il-possibbiltà ta' Soluzzjoni tat-Tilwim bejn Stat u Ieħor bħala l-aħħar alternattiva.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim jinkludi Anness dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Materja Prima, bl-għan li jiffaċilita l-investiment bejn l-UE u l-Ekwador f'dawn is-setturi bil-ħsieb li jiffavorixxi t-tranżizzjoni tal-enerġija u jtejjeb is-sostenibbiltà ambjentali.

B'mod ġenerali, permezz tal-faċilitazzjoni tal-investiment, il-Ftehim jista' jwassal għal titjib fil-klima tal-investiment tal-Ekwador, li jkun ta' benefiċċju kemm għad-ditti barranin kif ukoll għal dawk domestiċi. Konsegwentement, l-investituri barranin se jiġu mħeġġa jibqgħu aktar fit-tul, u b'hekk jagħtu kontribut aktar fit-tul lill-ekonomija Ekwadorjana. Minbarra li jappoġġa lill-investituri eżistenti, il-Ftehim għandu wkoll l-għan li jattira investituri ġodda lejn l-Ekwador, u b'mod partikolari intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li għandhom it-tendenza li jkollhom aktar diffikultajiet biex jinnavigaw fi proċeduri twal, opaki u kumplessi biex jinvestu barra mill-pajjiż. Il-Ftehim jippromwovi ċ-ċertezza legali għall-investiment fis-setturi kollha, u għalhekk huwa mistenni li jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni ekonomika tal-Ekwador.

- **L-iffirmar u t-test tal-Ftehim**

It-test tal-Ftehim huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Ekwador għal ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli. Il-Kummissjoni kienet innegozjat il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli ("il-Ftehim") bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador.
- (2) Għaldaqstant, jenħtiegħ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim¹⁰.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁰ It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.